DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1832

tal-24 ta' Ottubru 2019

li temenda l-Annessi I, II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE rigward aġġustamenti purament tekniċi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

(1) Il-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([2]), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jipprevedi li kull ħaddiem għandu d-dritt għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat. Id-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tagħhom fuq ix-xogħol u għal ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet professjonali tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol jinkludi l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali fil-post tax-xogħol jekk ir-riskji ma jistgħux jiġu evitati jew limitati biżżejjed b'mezzi, miżuri, metodi jew proċeduri oħra tal-organizzazzjoni tax-xogħol.

(2) L-implimentazzjoni tad-direttivi relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, fosthom id-Direttiva 89/656/KEE, kienet is-suġġett ta' evalwazzjoni ex post, imsejħa evalwazzjoni REFIT. Fl-evalwazzjoni ngħatat ħarsa lejn ir-rilevanza tad-direttivi, lejn ir-riċerka u lejn l-għarfien xjentifiku ġdid fid-diversi oqsma kkonċernati. L-evalwazzjoni REFIT, imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ([3]), fost l-oħrajn, tikkonkludi li l-użu tat-tagħmir ta' protezzjoni personali jikkonċerna madwar 40 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, billi r-riskji fuq il-post tax-xogħol ma jistgħux jiġu evitati b'xi mezzi oħrajn, u li hemm bżonn li jiġu indirizzati d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 89/656/KEE.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" ([4]) [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni tenniet li filwaqt li l-evalwazzjoni REFIT tal-acquis tal-Unjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali kkonfermat li l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija ġeneralment effettiva u adatta għall-iskop tagħha, hemm lok għal aġġornament tar-regoli obsoleti u li jiġu żgurati protezzjoni, konformità u nfurzar aħjar u usa' fil-prattika. Il-Kummissjoni tenfasizza l-bżonn partikolari li tiġi kkunsidrata d-definizzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u l-użu tiegħu minn servizzi u setturi differenti, kif stipulat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/656/KEE.

(4) Id-Direttiva 89/656/KEE tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-użu tat-tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, li għandu jiġi użat meta r-riskji kkonċernati ma jistgħux jiġu evitati jew limitati biżżejjed b'mezzi tekniċi ta' protezzjoni kollettiva jew b'miżuri, metodi jew proċeduri tal-organizzazzjoni tax-xogħol. Biex jiffaċilitaw l-istabbiliment tar-regoli ġenerali meħtieġa skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/656/KEE, l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE jipprovdu linji gwida mhux vinkolanti maħsuba biex jiffaċilitaw u jappoġġaw l-għażla tat-tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq għar-riskji, l-attivitajiet u s-setturi kkonċernati.

([1]) ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.
([2]) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 2017, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf
([3]) SWD(2017) 10 final.
([4]) COM(2017) 12.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jistipula d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali. Ir-Regolament (UE) 2016/425 immodifika l-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-prodotti, biex jippermetti li min iħaddem jifhem u b'hekk jintuża t-tagħmir ta' protezzjoni personali, kif spjegat f'aktar dettall fil-Linji Gwida dwar it-Tagħmir ta' Protezzjoni Personali ([6]) li jiċċaraw il-proċeduri u l-materji msemmija fir-Regolament (UE) 2016/425. Jitqies xieraq li l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE jiġu aġġornati biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-klassifikazzjoni tar-riskji stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/425 u biex jiġu allinjati mat-terminoloġiji użati u mat-tipi ta' tagħmir ta' protezzjoni personali msemmija fir-Regolament (UE) 2016/425.

(6) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/656/KEE jipprevedi li min iħaddem għandu jipprovdi tagħmir ta' protezzjoni personali li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar id-disinn u l-manifattura fir-rigward tas-sigurtà u tas-saħħa. Skont dak l-Artikolu, min iħaddem u jipprovdi t-tagħmir ta' protezzjoni personali lill-ħaddiema tagħhom iridu jiżguraw li t-tali tagħmir ta' protezzjoni personali jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/425.

(7) L-Anness I tad-Direttiva 89/656/KEE jistabbilixxi abbozz ta' tabella ta' survey tar-riskju għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u jistabbilixxi t-tipi ta' riskji li jistgħu jseħħu fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' partijiet differenti tal-ġisem li jkunu protetti bit-tagħmir protettiv personali. L-Anness I jenħtieġ li jiġi emendat biex jitqiesu t-tipi ġodda ta' riskji li jitfaċċaw fil-postijiet tax-xogħol u biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-klassifikazzjoni tar-riskji u mat-terminoloġija użata, b'mod partikolari fir-Regolament (UE) 2016/425.

(8) L-Anness II tad-Direttiva 89/656/KEE, li jistabbilixxi lista gwida mhux eżawrjenti ta' oġġetti ta' tagħmir ta' protezzjoni, jenħtieġ li jiġi emendat biex iqis it-tipi ġodda ta' riskji identifikati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. L-Anness II jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jinkludi eżempji ta' tagħmir ta' protezzjoni personali disponibbli bħalissa fis-suq b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/425 u t-terminoloġija użata f'dak ir-Regolament.

(9) L-Anness III tad-Direttiva 89/656/KEE jistabbilixxi lista ta' gwida mhux eżawrjenti ta' attivitajiet u setturi ta' attività li jistgħu jeħtieġu l-proviżjon ta' tagħmir ta' protezzjoni personali, u jiġbor flimkien il-klassifikazzjonijiet tar-riskji stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u t-tipi ta' tagħmir ta' protezzjoni personali deskritti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. L-Anness III tad-Direttiva 89/656/KEE jenħtieġ li jiġi ristrutturat biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-terminoloġija u l-klassifikazzjonijiet użati fit-tliet Annessi u mar-Regolament (UE) 2016/425. Dan se jippermetti li min iħaddem minn setturi u industriji differenti jidentifika u jipprovdi tagħmir ta' protezzjoni personali aħjar li jikkorrispondi għall-attivitajiet speċifiċi u t-tipi speċifiċi ta' riskji li l-ħaddiema huma esposti għalihom, kif indikat fil-valutazzjoni tar-riskju.

(10) Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ġie kkonsultat dwar il-miżuri li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] li huma meħtieġa biex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali tinżamm effettiva u adatta għall-iskop tagħha.

(11) Fl-"Opinjoni dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sitt Direttivi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali sabiex Jiġi Żgurat Xogħol Aktar Sigur u Tajjeb għas-Saħħa għal Kulħadd" ([7]) [traduzzjoni mhux uffiċjali] tiegħu, li ġiet adottata fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li d-Direttiva 89/656/KEE jenħtieġ li tiġi aġġornata biex jittejbu r-rilevanza u l-effettività tagħha.

(12) F'"Opinjoni dwar l-aġġornamenti tekniċi tal-annessi tad-Direttiva dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali (89/656/KEE)" ([8]) [traduzzjoni mhux uffiċjali] sussegwenti, li ġiet adottata fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li jenħtieġ li jitwettqu aġġornamenti speċifiċi tal-Anness I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE, filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi fil-qasam u li tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (UE) 2016/425.

(13) Fit-tħejjija tal-aġġornament attwali tal-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE, il-Kummissjoni ġiet megħjuna minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, li taw appoġġ tekniku u xjentifiku.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

([6]) PPE Regulation Guidelines – Guide to application of Regulation (UE) 2016/425 on personal protective equipment, https://ec.europa.eu/docsroom/documents/29201?locale=mt

([7]) Id-Dokument 1718/2017 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

([8]) Id-Dokument 443/18 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

(14) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([9]), adottata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.

(15) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE ([10]),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE huma ssostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2021. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([9]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.
([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

ANNESS

(1) L-Anness I tad-Direttiva 89/656/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

RISKJI RELATATI MAL-PARTIJIET TAL-ĠISEM LI GĦANDHOM IKUNU PROTETTI MINN PPE (*)

(*) Din il-lista ta' riskji/partijiet tal-ġisem ma tistax tkun mistennija li tkun eżawrjenti.

Il-valutazzjoni tar-riskju se tiddetermina l-ħtieġa li jiġi pprovdut PPE u l-karatteristiċi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

RISKJI

			FIŻIĊI													**KIMIĊI** (inkluż nanomaterjali) (*)					**AĠENTI BIJOLOĠIĊI** (li jinsabu fi)				**RISKJI OĦRAJN**		
			MEKKANIĊI							HOSS	TERMALI		ELETTRIĊI		RADJAZZJONI		AEROSOLS	LIKWIDI			GASSIJIET U FWAR	AEROSOLS	LIKWIDI		MATERJALI, PERSUNI, ANNIMALI, EĊĊ.	GĦARQA	DEFIĊJENZA tal-ossiġnu	NUQQAS TA' VIŻIBBILTÀ
			([1])	([2])	([3])	([4])	([5])	([6])	([7])		Shana u/jew nirien	Kesha	Xokk elettriku ([8])	Elettriċità statika	Mhux jonizzanti ([9])	Jonizzanti	Solidi ([10])	Likwidi ([11])	Immersjoni	Titjir, sprejs, ġettijiet		Solidi u likwidi	Kuntatt dirett u indirett	Titjir, sprejs, ġettijiet	Kuntatt dirett u indirett			
PARTIJIET TAL-ĠISEM LI GĦANDHOM IKUNU PROTETTI	Ir-ras	Il-kranju																										
		Ir-ras kollha																										
	Il-widnejn																											
	L-għajnejn																											
	Il-wiċċ																											
	Is-sistema respiratorja																											
	L-idejn																											
	Id-dirgħajn (partijiet)																											
	Is-sieq																											
	Ir-riġlejn (partijiet)																											
	Il-ġilda																											
	It-Tronk/iż-Żaqq																											
	Il-ġisem parzjalment																											
	Il-ġisem kollu																											

([1]) Impatt ikkawżat minn oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra, ħabta ma' xi ostaklu jew ġettijiet bi pressjoni għolja
([2]) Waqgħat minħabba żliq
([3]) Waqgħat mill-għoli
([4]) Vibrazzjoni
([5]) Kompressjoni statika tal-partijiet tal-ġisem
([6]) Korrimenti mekkaniċi (brix, titqib, qtugħ, gdim, ġriehi jew tinfid)
([7]) Tħabbil u nsib mekkaniku
([8]) Kuntatta dirett jew indirett
([9]) Fosthom id-dawl tax-xemx (għajr l-osservazzjoni diretta)
([10]) Trabijiet, dħaħen u fibri
([11]) Ċpar

(*) Ara r-Rakkomandazzjoni 2011/696/UE dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjal"

(2) L-Anness II tad-Direttiva 89/656/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS II

LISTA MHUX EŻAWRJENTI TAT-TIPI TA' TAGĦMIR TA' PROTEZZJONI PERSONALI FIR-RIGWARD TAR-RISKJI LI JILQGĦU GĦALIHOM

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAR-RAS

— Elmi u/jew brieret/balaklavi/ilbies għar-ras kontra:
  — Impatti kkawżati minn oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra
  — Ħabta ma' xi ostaklu
  — Riskji mekkaniċi (perforazzjoni, brix)
  — Kompressjoni statika (tgħaffiġ laterali)
  — Riskji termali (nirien, sħana, kesħa, solidi jaħarqu inklużi metalli mdewba)
  — Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi
  — Riskji kimiċi
  — Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
— Xbieki tax-xagħar kontra r-riskju tat-tħabbil

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAS-SMIGĦ

— Earmuffs (inkluż eż. earmuffs mehmużin ma' elmu, earmuffs li jnaqqsu l-istorbju attiv, earmuffs b'input elettriku ta' awdjo)
— Earplugs (inkluż eż. earplugs skont il-livell, earplugs adattati għall-individwu)

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-GĦAJNEJN U TAL-WIĊĊ

— Nuċċalijiet, goggles u lqugħ tal-wiċċ (lentijiet bi preskrizzjoni fejn xieraq) kontra:
  — Riskji mekkaniċi
  — Riskji termali
  — Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
  — Radjazzjoni jonizzanti
  — Aerosols solidi u likwidi tal-aġenti kimiċi u bijoloġiċi

Tagħmir għall-PROTEZZJONI RESPIRATORJA

— Apparat ta' filtrazzjoni kontra:
  — Partikuli
  — Gassijiet
  — Partikuli u gassijiet
  — Aerosols solidi u/jew likwidi
— Tagħmir iżolatur, inkluż bi provvista ta' arja
— Apparati ta' awtosalvataġġ
— Apparat tal-għaddasa

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-IDEJN U TAD-DIRGĦAJN

— Ingwanti (inkluż mittens u protezzjoni tad-dirgħajn) kontra:
  — Riskji mekkaniċi
  — Riskji termali (sħana, fjammi u kesħa)

— Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi (antistatiku, konduttivi, iżolanti)

— Riskji kimiċi

— Aġenti bijoloġiċi

— Radjazzjoni jonizzanti u kontaminazzjoni radjuattiva

— Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)

— Riskji mill-vibrazzjoni

— Ingwanti tas-swaba'

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAS-SAQAJN U TAR-RIĠLEJN u protezzjoni kontra ż-żliq

— Xedd tas-saqajn (eż. żraben, inkluż f'ċerti ċirkostanzi clogs, bwiez li jista' jkollhom maskaretti tal-azzar) biex jipproteġi kontra:

— Riskji mekkaniċi

— Riskji ta' żliq

— Riskji termali (sħana, fjammi u kesħa)

— Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi (antistatiku, konduttivi, iżolanti)

— Riskji~~s~~ kimiċi

— Riskji mill-vibrazzjoni

— Riskji bijoloġiċi

— Ilqugħ għall-instep li jistgħu jitneħħew kontra riskji mekkaniċi

— Kuxxinetti tal-irkoppa kontra riskji mekkaniċi

— Getti kontra riskji mekkaniċi, termali u kimiċi u aġenti bijoloġiċi

— Aċċessorji (eż., ganċijiet, takki bil-ponta)

PROTEZZJONI TAL-ĠILDA - KREMI TA' PROTEZZJONI TAL-ĠILDA ([1])

— Jista' jkun hemm kremi protettivi li jipproteġu kontra:

— Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)

— Radjazzjoni jonizzanti

— Kimiċi

— Aġenti bijoloġiċi

— Riskji termali (sħana, fjammi u kesħa)

Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-ĠISEM/PROTEZZJONI OĦRA GĦALL-ĠILDA

— Tagħmir ta' protezzjoni personali kontra l-waqgħat mill-għoli, bħal tagħmir li jwaqqaf il-waqgħa tat-tip li jidħol 'il ġewwa, irbit għall-ġisem kollu, irbit ta' mal-qadd, ċinturini għal xogħol ta' pożizzjonament u ta' trażżin u kurduni għal xogħol ta' pożizzjonament, assorbituri tal-enerġija, tagħmir li jwaqqaf il-waqgħa tat-tip iggwidat li jinkludi linji tal-ankraġġ, apparat ta' aġġustament tal-ħbula, apparat ta' ankraġġ li mhux iddisinjat biex jitwaħħal b'mod permanenti u li ma jkunx jeħtieġ xogħlijiet ta' twaħħil qabel l-użu, konnetturi, ċineg, irbit tas-salvataġġ

— Ilbies protettiv, inkluż protezzjoni għall-ġisem kollu (jiġifieri, ilbies sħiħ, overalls) protezzjoni għall-ġisem parzjali (jiġifieri getti, qliezet, ġkieket, sdieri, fradal, kuxxinetti tal-irkoppa, kapep, balaklavi) kontra:

— Riskji mekkaniċi

— Riskji termali (sħana, fjammi u kesħa)

— Kimiċi

([1]) F'ċerti ċirkostanzi, bħala riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju, il-kremi protettivi jistgħu jintużaw flimkien ma' PPE ieħor bl-għan li jipproteġu l-ġilda tal-ħaddiema minn riskji relatati. Il-kremi protettivi huma PPE skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/656/KEE peress li dan it-tip ta' tagħmir jista' jitqies f'ċerti ċirkostanzi bħala "addizzjonali jew aċċessorju" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/656/KEE. Madankollu, il-kremi protettivi mhumiex PPE skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2016/425.

— Aġenti bijoloġiċi

— Radjazzjoni jonizzanti u kontaminazzjoni radjuattiva

— Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)

— Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi (antistatiku, konduttivi, iżolanti)

— Tħabbil u nsib mekkaniku

— Ġkieket tas-salvataġġ għall-prevenzjoni ta' għarqiet u għajnuniet għaż-żamma f'wiċċ l-ilma

— PPE li jindika l-preżenza tal-utent b'mod viżiv".

(3) L-Anness III tad-Direttiva 89/656/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

Lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet u setturi ta' attività li jistgħu jeħtieġu l-provvediment ta' Tagħmir ta' Protezzjoni Personali (*)

(*) Il-valutazzjoni tar-riskju se tiddetermina l-ħtieġa li jiġi pprovdut PPE u l-karatteristiċi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva

I. **RISKJI FIŻIĊI**

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
FIŻIĊI - MEKKANIĊI			
Impatt ikkawżat minn oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra, ħabta ma' xi ostaklu jew ġettijiet bi pressjoni għolja	Il-kranju **Elmu ta' protezzjoni**	— Xogħol fuq, taħt jew fil-viċinanzi ta' scaffolding u postijiet tax-xogħol elevati — Xogħol strutturali u xogħlijiet fit-toroq — Twaqqif u tneħħija ta' strutturi temporanji — Assemblaġġ u installazzjoni ta' scaffolding — Xogħlijiet ta' assemblaġġ u installazzjoni — Twaqqigħ — Xogħol ta' blasting — Xogħol f'fosos, kanali, xaftijiet u mini — Xogħol fil-viċinanzi ta' liftijiet, tagħmir tar-rafa', krejnijiet u conveyors — Xogħlijiet ta' taħt l-art, f'barrieri, tħaffir fil-miftuħ — Xogħol bi fran industrijali, containers, makkinarju, silos, bunkers u pajpijiet — Tbiċċir u linja tal-qtugħ fil-biċċeriji — Ġarr ta' tagħbija jew trasport u ħżin — Xogħol fil-foresti — Xogħol fuq pontijiet tal-azzar, kostruzzjoni ta' bini tal-azzar, strutturi idrawliċi tal-azzar, fran tal-blast, impjanti għall-produzzjoni tal-azzar u mtieħen tal-laminazzjoni, containers kbar, pajpijiet twal, impjanti tal-bojlers u impjanti tal-enerġija — Xogħol tal-art u tal-blat — Xogħol b'għodda li twassal il-boltijiet — Xogħol bi fran tal-blast, impjanti ta' riduzzjoni diretta, impjanti għall-produzzjoni tal-azzar, imtieħen tal-laminazzjoni, impjanti għall-produzzjoni tal-metall, kiwi tal-metalli, kiwi tal-metalli bil-qatra (drop forging) u tidwib tal-metall (casting) — Xogħol li jinvolvi vjaġġar fuq roti u roti mmexxijin mekkanikament	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Manifattura, installazzjoni u manutenzjoni tal-makkinarju — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Produzzjoni tal-enerġija — Kostruzzjoni u manutenzjoni tal-infrastruttura — Industrija tal-ħadid u l-azzar — Biċċeriji — Xogħol ta' trasferiment bl-użu ta' linji ferrovjarji — Portijiet, trasport u loġistika — Industrija forestali

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
	L-għajnejn u/jew il-wiċċ **Nuċċalijiet, goggles u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol tal-iwweldjar, tal-grinding jew ta' separar — Tismir manwali — Mili u xogħol bil-furmatur — Xogħol u proċessar tal-blat — Xogħol b'għodda li twassal il-boltijiet — Xogħol fuq magni li jneħħu l-istokk għal frak żgħar — Kiwi tal-metalli bil-qatra (drop forging) — Tneħħija u ksur ta' frammenti — Sprejjar ta' sustanzi li joborxu — Użu ta' għodda għall-qtugħ tas-sigar jew srieraq bil-katina — Proċeduri dentali u kirurġiċi	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Manifattura, installazzjoni u manutenzjoni tal-makkinarju — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Produzzjoni tal-enerġija — Kostruzzjoni u manutenzjoni tal-infrastruttura — Industriji tal-ħadid u l-azzar — Industriji tal-metall u tal-injam — Skultura tal-ġebel — Ġardinaġġ — Kura tas-saħħa — Forestrija
	Is-saqajn u r-riġlejn (partijiet) **Xedd tas-saqajn (żraben/bwiez, eċċ.) b'maskaretti tas-sikurezza jew ta' protezzjoni għas-swaba'** **Xedd tas-saqajn bil-protezzjoni tal-metatarsu**	— Xogħol strutturali u xogħlijiet fit-toroq — Twaqqif u tneħħija ta' strutturi temporanji — Assemblaġġ u installazzjoni ta' scaffolding — Twaqqigħ — Xogħol ta' blasting — Xogħol u proċessar tal-blat — Xogħol ta' tbiċċir u tal-linja tal-qtugħ — Trasport u ħżin — Xogħol bil-forom fl-industrija taċ-ċeramika — Xogħol bi blokok ta' laħam iffriżat u ppakkjar ta'ikel priservat — Manifattura, xogħol u pproċessar ta' prodotti ċatti tal-ħġieġ u ta' reċipjenti tal-ħġieġ — Xogħol ta' konverżjoni u manutenzjoni — Xogħlijiet fil-foresti — Xogħol tal-konkos u b'biċċiet prefabbrikati li jinvolvi xogħol ta' twaqqif u ta' tneħħija ta' strutturi temporanji — Xogħol fi btieħi u mħażen ta' kuntratturi — Xogħol fuq bjut — Xogħol fuq pontijiet tal-azzar, kostruzzjoni ta' bini tal-l-azzar, arbli, torrijiet, liftijiet, strutturi idrawliċi tal-azzar, fran tal-blast, impjanti għall-produzzjoni tal-azzar u mtieħen tal-laminazzjoni, containers kbar, pajpijiet twal, krejnijiet, impjanti tal-bojlers u impjanti tal-enerġija — Kostruzzjoni ta' fran, installazzjoni ta' tisħin u ta' ventilazzjoni u xogħol ta' assemblaġġ tal-metall — Xogħol bi fran tal-blast, impjanti ta' riduzzjoni diretta, impjanti għall-produzzjoni tal-azzar u mtieħen tal-laminazzjoni, impjanti għall-produzzjoni tal-metall, kiwi tal-metalli, kiwi tal-metalli bil-qatra (drop forging), impjanti tal-pressjoni termali u l-ġbid — Xogħol fil-barrieri u tħaffir fil-miftuħ, tneħħija ta' provvisti tal-faħam	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Manifattura, installazzjoni u manutenzjoni tal-makkinarju — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Produzzjoni tal-enerġija — Kostruzzjoni u manutenzjoni tal-infrastruttura — Industrija tal-ħadid u l-azzar — Biċċeriji — Kumpaniji tal-loġistika — Industrija tal-manifattura — Industrija tal-ħġieġ — Industrija forestali

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
		— Xogħol bil-forom fl-industrija taċ-ċeramika — Kisi tal-kalkari fl-industrija taċ-ċeramika — Xogħol ta' trasferiment bl-użu ta' linji ferrovjarji	
Waqgħat min-ħabba żliq	Is-sieq **Xedd għas-saqajn li ma jiżloqx**	— Xogħlijiet fuq uċuħ jiżolqu — Xogħlijiet fuq ambjenti tal-umdità	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Biċċerija — Tindif — Industrija tal-ikel — Ġardinaġġ — Industrija tas-sajd
Waqgħat mill għoli	Il-ġisem kollu **PPE ddisinjat biex jipprevjeni jew iwaqqaf il-waqgħat mill-għoli**	— Xogħol fuq scaffolding — Assemblaġġ ta' partijiet prefabbrikati — Xogħol fuq arbli — Xogħol fuq bjut — Xogħol fuq uċuħ vertikali jew inklinati — Xogħol f'kabini ta' krejnijiet fl-għoli — Xogħol f'kabini għoljin ta' tagħmir ta' stivar u ta' ħuq fi mħażen — Xogħol f'sezzjonijiet għoljin ta' torrijiet ta' tħaffir — Xogħol f'xaftijiet u kanali tad-dranaġġ	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Manutenzjoni tal-infrastruttura
Vibrazzjoni	L-idejn **Ingwanti protettivi**	— Xogħol b'għodod iggwidati bl-idejn	— Industriji tal-manifattura — Xogħol ta' bini — Xogħol tal-inġinerija ċivili
Kompressjoni statika tal-partijiet tal-ġisem	L-irkoppa (partijiet tar-riġel) **Kuxxinetti tal-irkoppa**	— Installazzjoni ta' blokok, madum u ċangaturi mal-art	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili
	Is-sieq **Xedd tas-saqajn bil-maskaretti**	— Twaqqigħ — Maniġġar ta' tagħbija	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Trasport u ħżin — Manutenzjoni
Korrimenti mekkaniċi (brix, titqib, qtugħ, gdim, ġrieħi jew tinfid)	L-għajnejn u/jew il-wiċċ **Nuċċalijiet, goggles, lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol b'għodod iggwidati bl-idejn — Iwweldjar u kiwi tal-metalli — Xogħol ta' grinding jew ta' separar — Xogħol bl-iskarpell — Xogħol u proċessar tal-blat — Xogħol fuq magni li jneħħu l-istokk għal frak żgħar — Kiwi tal-metalli bil-qatra (drop forging) — Tneħħija u ksur ta' frammenti — Sprejjar ta' sustanzi li joborxu	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Produzzjoni tal-enerġija — Manutenzjoni tal-infrastruttura — Industriji tal-ħadid u l-azzar — Industriji tal-metall u tal-injam — Skultura tal-ġebel

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
		— Użu ta' għodda għall-qtugħ tas-sigar jew srieraq bil-katina	— Ġardinaġġ — Forestrija
	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra r-riskji mekkaniċi**	— Xogħlijiet fuq strutturi tal-azzar — Maniġġar ta' oġġetti bit-tarf jaqta', għajr magni fejn ikun hemm il-periklu li jinqabdu l-ingwanti — Qtugħ regolari bl-użu ta' sikkina tal-id għall-produzzjoni u għall-qtil — Bdil ta' skieken ta' magni tal-qtugħ — Xogħlijiet fil-foresti — Xogħol tal-ġnien	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Manutenzjoni tal-infrastruttura — Industriji tal-manifattura — Industrija tal-ikel — Qatla — Industrija forestali
	Id-dirgħajn mill-minkeb 'l isfel **Protezzjoni taddriegħ**	— Tneħħija ta' għadam u qtugħ	— Industrija tal-ikel — Qatla
	It-tronk/Iż-żaqq/Irriġel **Fardal, getti protettivi** **Qliezet li jirreżistu l-penetrazzjoni (qliezet li jirreżistu l-qatgħat)**	— Qtugħ regolari bl-użu ta' sikkina tal-id għall-produzzjoni u għall-qtil — Xogħlijiet fil-foresti	— Industrija tal-ikel — Qatla — Industrija forestali
	Is-sieq **Xedd tas-saqajn li jirreżisti l-penetrazzjoni**	— Xogħlijiet strutturali u xogħlijiet fit-toroq — Twaqqigħ — Twaqqif u tneħħija ta' strutturi temporanji — Xogħlijiet fil-foresti	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Industrija forestali
Tħabbil u nsib mekkaniku	Il-ġisem kollu **Ħwejjeġ protettivi għall-użu fejn ikun hemm riskju ta' tħabbil ma' partijiet li jiċċaqilqu**	— Riskju li dak li jkun jitħabbel f'komponenti tal-magni — Riskju li dak li jkun jinqabad f'komponenti tal-magni — Riskju li dak li jkun jinqabad bil-ħwejjeġ f'komponenti ta' magni — Riskju li dak li jkun jinħataf u jintrema	— Bini tal-magni — Manifattura ta' magni tqal — Inġinerija — Kostruzzjoni — Agrikoltura

FIŻIĊI — ĦOSS

Ħoss	Il-widnejn **Protetturi tas-smigħ**	— Xogħol bi preses tal-metalli — Xogħol bi drillijiet pnewmatiċi — Xogħol tal-persunal tal-art fl-ajruporti — Xogħol bl-għodda tal-elettriku — Xogħol ta' blasting — Xogħol ta' ċaqliq tal-imnieżel — Xogħol tal-injam u tat-tessuti	— Industrija tal-metalli — Industrija tal-manifattura — Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Industrija ajrunawtika — Xogħlijiet fil-minjieri

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
		FIŻIĊI — TERMALI	
Sħana u/jew nirien	Il-wiċċ/ir-ras kollha **Ilqugħ għar-ras taliwweldjar, elmi/brieret kontra s-sħana jew in-nar, kapep protettivi kontra s-sħana u/jew fjammi**	— Xogħol f'temperaturi għoljin, sħana jew nar — Xogħol b'sustanzi mdewbin jew fil-viċinanzi tagħhom — Xogħol b'gann tal-iwweldjar tal-plastik	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Servizzi tal-manutenzjoni — Industrija tal-manifattura
	It-tronk/Iż-żaqq/Ir-riġlejn **Fardal, getti protettivi**	— Iwweldjar u kiwi tal-metalli — Ikkastjar	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Servizzi tal-manutenzjoni — Industrija tal-manifattura
	L-Id **Ingwanti protettivi kontra s-sħana u/jew fjammi**	— Iwweldjar u kiwi tal-metalli — Xogħol f'temperaturi għoljin, sħana jew nar — Xogħol b'sustanzi mdewbin jew fil-viċinanzi tagħhom	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Servizzi tal-manutenzjoni — Industrija tal-manifattura
	Id-dirgħajn mill-minkeb 'l isfel **Kmiem**	— Iwweldjar u kiwi tal-metalli — Xogħol b'sustanzi mdewbin jew fil-viċinanzi tagħhom	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Servizzi tal-manutenzjoni — Industrija tal-manifattura
	Is-sieq **Xedd tas-saqajn kontra s-sħana u/jew fjammi**	— Xogħol b'sustanzi mdewbin jew fil-viċinanzi tagħhom	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Servizzi tal-manutenzjoni — Industrija tal-manifattura
	Il-ġisem kollu/parzjali **Ilbies protettiv kontra s-sħana u/jew fjammi**	— Xogħol f'temperaturi għoljin, sħana jew nar	— Industrija tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-metalli — Industrija forestali
Kesħa	L-Id **Ingwanti protettivi kontra l-kesħa** Is-sieq **Xedd tas-saqajn kontra l-kesħa**	— Xogħol fil-berah f'temp kiesaħ ħafna — Xogħol fi kmamar friża — Xogħol b'likwidi krijoġeniċi	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Industrija tal-ikel — Settur tal-agrikoltura u sajd
	Il-ġisem kollu/parzjali inkluż ir-ras **Ilbies protettiv kontra l-kesħa**	— Xogħol fil-berah f'temp kiesaħ — Xogħol fi kmamar friża	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Industrija tal-ikel — Settur tal-agrikoltura u sajd — Trasport u ħżin

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
		FIŻIĊI — ELETTRIĊI	
Xokk elettriku (kuntatt dirett jew indirett)	Ir-ras kollha **Elmi elettrikament iżolanti** L-idejn **Ingwanti elettrikament iżolanti** Is-sieq **Xedd tas-saqajn elettrikament iżolanti** Il-ġisem kollu/L-idejn/Ir-riġlejn **PPE konduttiv maħsub biex jintlibes minn persuni kkwalifikati waqt xogħol fuq wajers attivi f'sistemi ta' vultaġġ b'qawwa nominali sa 800 kV AC u 600 kV DC**	— Xogħol fuq wajers attivi jew qrib partijiet b'wajers attivi taħt tensjoni elettrika — Xogħol fuq sistema elettrika	— Produzzjoni tal-enerġija — Trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija elettrika — Manutenzjoni tal-faċilitajiet industrijali — Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili
Elettriċità statika	L-idejn **Ingwanti antistatiċi** Maniġġar ta' plastik u lastku **Tferrigħ, ġbir jew tagħbija f'container** Xogħol qrib elementi b'karika elevata bħal ċineg tal-ġarr **Maniġġar ta' splussivi**	— Industrija tal-manifattura — Industrija tal-għalf — Impjanti tat-tgeżwir u tal-ippakkjar — Produzzjoni, ħżin jew trasport ta' splussivi	— Is-sieq — Xedd tas-saqajn antistatiku/konduttiv — Il-ġisem kollu — Ilbies antistatiku
		FIŻIĊI — RADJAZZJONI	
Radjazzjoni li mhix jonizzanti, inkluż id-dawl tax-xemx (għajr l-osservazzjoni diretta)	Ir-ras **Brieret u elmi**	— Xogħol fil-beraħ	— Sajd u agrikoltura — Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili
	L-għajnejn **Nuċċalijiet protettivi, goggles u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol bis-sħana radjanti — Operazzjonijiet tal-fran — Xogħol bil-laser — Xogħol fil-beraħ — Iwweldjar u qtugħ tal-gass — Infiħ tal-ħġieġ — Lampi ġermiċidali	— Industriji tal-ħadid u l-azzar — Industrija tal-manifattura — Sajd u agrikoltura
	Il-ġisem kollu (il-ġilda) **PPE kontra UV naturali u artifiċjali**	— Xogħol fil-beraħ — Iwweldjar bl-elettriku — Lampi ġermiċidali — Lampi tal-ksenon	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Produzzjoni tal-enerġija — Manutenzjoni tal-infrastruttura — Sajd u agrikoltura

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
			— Industrija forestali — Ġardinaġġ — Industrija tal-ikel — Industrija tal-plastik — Industrija tal-istampar
Radjazzjoni jonizzanti	L-għajnejn **Nuċċalijiet/goggles protettivi kontra r-radjazzjoni jonizzanti** L-idejn **Ingwanti protettivi kontra r-radjazzjoni jonizzanti**	— Operazzjonijiet f'faċilitajiet tar-raġġi X — Operazzjonijiet fil-qasam tar-radjoloġija dijanjostika — Xogħol bi prodotti radjuattivi	— Kura tas-saħħa — Kura veterinarja — Impjant tal-iskart radjuattiv — Produzzjoni tal-enerġija
	It-tronk/iż-żaqq/il-ġisem parzjali **Fardal protettiv kontra r-raġġi X /Kowt/Ġakketta/ Dublett kontra r-raġġi X**	— Operazzjonijiet f'faċilitajiet tar-raġġi X — Operazzjonijiet fil-qasam tar-radjoloġija dijanjostika	— Kura tas-saħħa — Kura veterinarja — Kura dentali — Uroloġija — Kirurġija — Radjoloġija ta' intervent — Laboratorji
	Ir-ras **Xedd tar-ras u brieret** **PPE għall-protezzjoni kontra pereżempju l-iżvilupp ta' tumuri fil-moħħ**	— Postijiet tax-xogħol u faċilitajiet mediċi tar-raġġi X	— Kura tas-saħħa — Kura veterinarja — Kura dentali — Uroloġija — Kirurġija — Radjoloġija ta' intervent
	Il-ġisem parzjalment **PPE għall-protezzjoni tat-tirojde** **PPE għall-protezzjoni tal-gonadi**	— Operazzjonijiet f'faċilitajiet tar-raġġi X — Operazzjonijiet fil-qasam tar-radjoloġija dijanjostika	— Kura tas-saħħa — Kura veterinarja
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra r-radjazzjoni jonizzanti**	— Operazzjonijiet fil-qasam tar-radjoloġija dijanjostika — Xogħol bi prodotti radjuattivi	— Produzzjoni tal-enerġija — Impjant tal-iskart radjuattiv

II. **RISKJI KIMIĊI (inkluż nanomaterjal)**

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
KIMIĊI — AEROSOLS			
Solidi (trabijiet, duħħan, dħaħen, fibri, u nanomaterjal)	Is-sistema respiratorja **Apparat respiratorju protettiv kontra l-partikuli**	— Twaqqigħ — Xogħol ta' blasting — Xkatlar u llostrar tas-superfiċi — Xogħol fil-preżenza tal-asbestos — Użu ta' materjal magħmul minn/li fih in-nanopartikuli — Iwweldjar — Knis taċ-ċmieni — Xogħol fuq il-kisi ta' fran u ta' kuċċara fejn jista' jkun hemm trab — Xogħol fil-viċinanza ta' truf ta' fran tal-blast fejn jista' jkun hemm ħafna dħaħen ta' metalli — Xogħol fil-viċinanza taċ-ċarġ tal-fran tal-blast	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Industriji tal-ħadid u l-azzar — Industriji tal-metall u tal-injam — Industrija awtomobilistika — Skultura tal-ġebel — Industrija tal-farmaċewtiċi — Servizzi tal-kura tas-saħħa — Preparazzjoni ta' ċitostatiċi
	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra l-kimiċi u krema protettiva bħala protezzjoni addizzjonali/aċċessorja**	— Xogħol fil-preżenza tal-asbestos — Użu ta' materjal magħmul minn/li fih in-nanopartikuli	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Manutenzjoni tal-faċilitajiet industrijali
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra l-partikuli solidi**	— Twaqqigħ — Xogħol fil-preżenza tal-asbestos — Użu ta' materjal magħmul minn/li fih in-nanopartikuli — Knis taċ-ċmieni — Preparazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Manutenzjoni tal-faċilitajiet industrijali — Agrikoltura
	L-għajnejn **Nuċċalijiet/goggles u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol fl-injam — Xogħlijiet tat-toroq	— Industrija tal-minjieri — Industrija tal-metall u tal-injam — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili
Likwidi (ċpar)	Is-sistema respiratorja **Apparat respiratorju protettiv kontra l-partikuli**	— Trattament tas-superfiċe (eż. verniċ/żebgħa, ibblastjar bil-brix) — Tindif tas-superfiċe	— Industrija tal-metalli — Industrija tal-manifattura — Settur tal-karozzi
	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra l-kimiċi**	— Trattament tas-superfiċe — Tindif tas-superfiċe — Xogħol bi sprejs likwidi — Xogħol b'aċidi u soluzzjonijiet kawstiċi, diżinfettanti u sustanzi korrużivi tat-tindif	— Industrija tal-metalli — Industrija tal-manifattura — Settur tal-karozzi
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra l-kimiċi**	— Trattament tas-superfiċe — Tindif tas-superfiċe	— Industrija tal-metalli — Industrija tal-manifattura — Settur tal-karozzi

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
		KIMIĊI - LIKWIDI	
Għaddis Titjir, sprejs u ġettijiet	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra l-kimiċi,**	— Xogħol bi sprejs likwidi — Xogħlijiet b'aċidi u soluzzjonijiet kawstiċi, diżinfettanti u prodotti korrużivi tat-tindif — Proċessar ta' materjali tal-kisi — Konzar — Xogħol fi ħwienet tax-xagħar u tas-sbuħija	— Industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ — Industrija tat-tindif — Industrija tal-karozzi — Is-setturi tal-estetika u tax-xagħar
	Id-dirgħajn mill-minkeb 'l isfel **Kmiem protettivi kontra l-kimiċi**	— Xogħlijiet b'aċidi u soluzzjonijiet kawstiċi, diżinfettanti u prodotti korrużivi tat-tindif	— Tindif — Industrija tal-kimiċi — Industrija tat-tindif — Industrija tal-karozzi
	Is-sieq **Bwiez protettivi kontra l-kimiċi**	— Xogħol bi sprejs likwidi — Xogħlijiet b'aċidi u soluzzjonijiet kawstiċi, diżinfettanti u prodotti korrużivi tat-tindif	— Industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ — Industrija tat-tindif — Industrija tal-karozzi
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra l-kimiċi**	— Xogħol bi sprejs likwidi — Xogħlijiet b'aċidi u soluzzjonijiet kawstiċi, diżinfettanti u prodotti korrużivi tat-tindif	— Tindif — Industrija tal-kimiċi — Industrija tat-tindif — Industrija tal-karozzi — Agrikoltura
		KIMIĊI — GASSIJIET U FWAR	
Gassijiet u fwar	Is-sistema respiratorja **Apparat respiratorju protettiv kontra l-gassijiet**	— Trattament tas-superfiċe (eż. vernić/żebgħa, ibblastjar bil-brix) — Tindif tas-superfiċe — Xogħol fi kmamar tal-fermentazzjoni u tad-distillazzjoni — Xogħol f'tankijiet u diġesturi — Xogħol f'containers, żoni ristretti u fran industrijali bil-gass fejn jista' jkun hemm gass jew nuqqas ta' ossiġenu — Knis taċ-ċmieni — Diżinfettanti u sustanzi korrużivi tat-tindif — Xogħol fil-viċinanzi ta' konvertituri tal-gass u ta' pajpijiet tal-gass tal-fran tal-blast	— Industrija tal-metalli — Settur tal-karozzi — Industrija tal-manifattura — Industrija tat-tindif — Produzzjoni tax-xorb alkoħoliku — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-kimiċi — Industrija petrokimika
	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra l-kimiċi**	— Trattament tas-superfiċe — Tindif tas-superfiċe — Xogħol fi kmamar tal-fermentazzjoni u tad-distillazzjoni — Xogħol f'tankijiet u diġesturi — Xogħol f'containers, żoni ristretti u fran industrijali bil-gass fejn jista' jkun hemm gass jew nuqqas ta' ossiġenu	— Industrija tal-metalli — Settur tal-karozzi — Industrija tal-manifattura — Produzzjoni tax-xorb alkoħoliku — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-kimiċi — Industrija petrokimika

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra l-kimiċi**	— Trattament tas-superfiċe — Tindif tas-superfiċe — Xogħol fi kmamar tal-fermentazzjoni u tad-distillazzjoni — Xogħol f'tankijiet u diġesturi — Xogħol f'containers, żoni ristretti u fran industrijali bil-gass fejn jista' jkun hemm gass jew nuqqas ta' ossiġenu	— Industrija tal-metalli — Settur tal-karozzi — Industrija tal-manifattura — Produzzjoni tax-xorb alkoħoliku — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-kimiċi — Industrija petrokimika
	L-għajnejn **Nuċċalijiet, goggles u lqugħ tal-wiċċ**	— Żebgħa bl-isprej — Xogħol fl-injam — Operazzjonijiet tal-minjieri	— Settur tal-karozzi — Industrija tal-manifattura — Industrija tal-minjieri — Industrija tal-kimiċi — Industrija petrokimika

III. **AĠENTI BIJOLOĠIĊI**

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
AĠENTI BIJOLOĠIĊI (li jinsabu fi) - AEROSOLS			
Solidi u likwidi	Is-sistema respiratorja **Apparat respiratorju protettiv kontra l-partikuli**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel — Produzzjoni bijokimika
	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra mikroorganiżmi** Il-ġisem kollu/parzjali **Ilbies protettiv kontra aġenti bijoloġiċi** L-għajnejn u/jew il-wiċċ **Nuċċalijiet protettivi, goggles u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
AĠENTI BIJOLOĠIĊI (li jinsabu fi) - LIKWIDI			
Kuntatt dirett u indirett	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra mikroorganiżmi** Il-ġisem kollu/parzjali **Ilbies protettiv kontra aġenti bijoloġiċi** L-għajnejn u/jew il-wiċċ **Goggles protettivi u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali (gdim, tingiż) — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel — Industrija forestali
Titjir, sprejs u ġettijiet	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra mikroorganiżmi**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel
	Id-dirgħajn mill-minkeb 'l isfel **Kmiem protettivi kontra mikroorganiżmi**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel
	Is-Sieq/ir-Riġel **Bwiez u getti protettivi**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
	Il-ġisem kollu **Ilbies protettiv kontra aġenti bijoloġiċi**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel
AĠENTI BIJOLOĠIĊI (li jinsabu fi) - MATERJALI, PERSUNI, ANNIMALI, EĊĊ.			
Kuntatt dirett u indirett	L-idejn **Ingwanti protettivi kontra mikroorganiżmi** Il-ġisem kollu/parzjali **Ilbies protettiv kontra aġenti bijoloġiċi** L-għajnejn u/jew il-wiċċ **Goggles protettivi u lqugħ tal-wiċċ**	— Xogħol li jinvolvi kuntatt ma' fluwidi u tessuti tal-ġisem uman u tal-annimali (gdim, tingiż) — Xogħol fil-preżenza ta' aġent bijoloġiku	— Kura tas-saħħa — Kliniki veterinarji — Laboratorji ta' analiżi klinika — Laboratorji ta' riċerka — Djar għall-anzjani — Assistenza fid-djar — Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi — Impjant tat-trattament tal-iskart — Industrija tal-ikel — Industrija forestali

IV. **RISKJI OĦRAJN**

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
Nuqqas ta' viżibbiltà	Il-ġisem kollu **PPE li jindika l-preżenza tal-utent b'mod viżiv**	— Xogħol f'post fejn jiċċirkolaw il-vetturi — Xogħlijiet bl-asfalt u mmarkar tat-toroq — Xogħlijiet ferrovjarji — Sewqan mezzi tat-trasport — Xogħol tal-persunal tal-art fl-ajruporti	— Kostruzzjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Xogħlijiet fil-minjieri — Servizzi tat-trasport u trasport tal-passiġġieri
Defiċjenza ta' ossiġenu	Is-sistema respiratorja **Tagħmir ta' protezzjoni respiratorju iżolatur**	— Xogħol fi spazji konfinati — Xogħol fi kmamar tal-fermentazzjoni u tad-distillazzjoni — Xogħol f'tankijiet u diġesturi — Xogħol f'containers, żoni ristretti u fran industrijali bil-gass fejn jista' jkun hemm gass jew nuqqas ta' ossiġenu — Xogħol f'xaftijiet, kanali tad-dranaġġ u żoni oħra taħt l-art li jkollhom x'jaqsmu mad-dranaġġ	— Produzzjoni tax-xorb alkoħoliku — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Industrija tal-kimiċi — Industrija petrokimika
	Sistema respiratorja **Apparat tal-għaddasa**	— Xogħlijiet taħt l-ilma	— Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili

Riskji	Parti tal-ġisem affettwata Tip ta' PPE	Eżempji ta' attivitajiet fejn l-użu tat-tip korrispondenti ta' PPE jista' jkun meħtieġ (*)	Industrija u Setturi
Għarqa	Il-ġisem kollu **Ġakketta tas-salvataġġ**	— Xogħol fuq il-baħar jew ħdejh — Xogħol fil-baħar — Xogħol f'ajruplan	— Industrija tas-sajd — Industrija ajrunawtika — Kostruxxjoni tal-bini — Kostruzzjoni tal-inġinerija ċivili — Bini tal-bastimenti — Baċiri u portijiet"